

Brussell, 13 ta' Lulju 2018
(OR. en)

10623/1/18
REV 1

**Fajl Interistituzzjonali:
2018/0149(NLE)**

TRANS 295

NOTA PUNT "A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Nru. dok. preċ.: Nru dok. Cion:	10623/18 TRANS 295 9025/18 TRANS 204 + ADD 1
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, ta' Protokoll għall-Ftehim dwar it-trasport okkażjonali internazzjonali ta' passiġġieri bil-kowċ u bix-xarabank (Ftehim Interbus) fir-rigward tat-trasport internazzjonali regolari u regolari speċjali ta' passiġġieri bil-kowċ u bix-xarabank – Adozzjoni

1. Fis-16 ta' Mejju 2018, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta dwar is-suġġett ta' hawn fuq.
2. Qabel din il-proposta, il-Kunsill kien awtorizza fl-4 ta' Diċembru 2014 lill-Kummissjoni biex tinneogħja, f'isem l-Unjoni, estensjoni tal-ambitu tal-Ftehim dwar it-trasport internazzjonali okkażjonali ta' passiġġieri bil-kowċ u bix-xarabank (Ftehim Interbus) lejn servizzi regolari.¹
3. Qabel ma tnedew in-negozjati, il-Kummissjoni kkonsultat matul l-2016 mal-Kumitat Speċjali li nħoloq fil-Kunsill għal dan il-għan sabiex iħejji t-test ta' abbozz ta' protokoll. Id-diskussjoni fil-Kumitat Speċjali kkonċernat, fost l-oħrajn, il-kwistjoni tad-dispożizzjonijiet fiskali fil-protokoll, l-arranġamenti għal sħubijiet f'pajjiżi li jinqasmu b'servizz tax-xarabank, u l-proċedura għall-alterazzjonijiet għall-frekwenza ta' tali servizzi.

¹ Ara d-dokumenti ST 14892/1/14 REV 1 u 15601/14 + ADD 1 (EU RESTRICTED).

4. Il-partijiet kontraenti għall-Ftehim Interbus iltaqgħu fl-1 ta' Frar, it-23 ta' Ġunju u l-10 ta' Novembru 2017 biex jinnegozjaw tali estensjoni. F'dik l-aħħar laqgħa, in-negozjati kienu konklużivi, soġġett għal modifiki tekniċi żgħar. Waqt dawk in-negozjati, il-Kummissjoni kkonsultat il-Kumitat Speċjali f'konformità mal-mandat.
5. Waqt il-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport fuq l-Art fit-12 ta' Ġunju 2018, il-proposta ġiet approvata. Id-delegazzjoni DE tenniet il-pożizzjoni tagħha li, filwaqt li mhijiex kontra l-estensjoni tal-ambitu lejn is-servizzi regolari fiha nnifisha, hija ma taqbilx mal-eżitu ta' negozjati li jinkludi dispożizzjonijiet doganali u fiskali addizzjonali (ara l-Artikolu 7 tal-abbozz tal-protokoll) skont bażi legali purament relatata mat-trasport. Id-delegazzjoni RO għamlet għadd ta' kummenti u talbiet dwar l-Artikoli 6, 10, 17 u Anness ġdid għall-abbozz ta' Protokoll. Id-delegazzjoni IT esprimiet id-diżappunt tagħha dwar l-arranġamenti għas-sħubijiet, fejn il-pożizzjoni tagħha mmirat għal reġim mandatorju. Is-suġġeriment tad-delegazzjoni AT li d-dritt ta' parteċipazzjoni fi sħubija għandu jkun ifformulat b'mod aktar ċar, deher aċċettabbli.
6. Wara dik il-laqgħa, ġie ċċirkolat test kemxejn irrivedut bil-ħsieb li jiġi ffinalizzat.²
7. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kkonferma l-qbil fit-13 ta' Lulju 2018; id-delegazzjoni IT opponiet, u d-delegazzjoni DE astjeniet.
8. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kunsill huwa mistieden:
 - biex jadotta d-Deċiżjoni dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, ta' Protokoll għall-Ftehim dwar it-trasport okkażjonali internazzjonali ta' passiġġieri bil-kowċ u bix-xarabank (Ftehim Interbus) fir-rigward tat-trasport internazzjonali regolari u regolari speċjali ta' passiġġieri bil-kowċ u bix-xarabank, kif stipulat fid-dokumenti ST 9561/18 u 9687/18 li ġew rieżaminati mill-ġuristi-lingwisti.

It-test tad-deċiżjoni flimkien mal-abbozz ta' protokoll ser jiġi trażmess lill-Parlament Ewropew għal informazzjoni f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE.

² Ara d-dok. 10152/18.